MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 708/2013

**Victor Borg**

**Vs**

**Enrico Musumeci**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Ottubru, 2013 fejn l-attur talab illi l-intimat sofra hsarat fil-fond residenzjali tieghu ossia no. 68, St. Anthony Flats, Flat 1, Bernardette Street, San Gwann u dan gie kkagunat minn perkulazzjoni tal-ilma li gejja mill-fond tal-intimat kif iccertifikat mill-Perit (Dok A).

Illi din il-hsara u t-tiswija taghha tammonta ghal tliet mitt ewro (€300) skond Dok B.

Illic l-intimat gie nterpellat diversi drabi mill-Avukat Mark Mifsud Cutajar u dan sabiex jigu evitati spejjez ulterjuri f'proceduri (Dok C u D).

Illi l-ispejjez peritali, konsulti u ittri legali jammontaw ghal mija u ghoxrin ewro (€120) Dok E u F.

Illi ghalhekk jitlob il-kundanna tal-intimat ghal hlas fl-ammont ta' erba' mija u ghoxrin ewro (€420).

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali 1600/13 u imghax legali.

Il-konvenut debitament notifikat pprezenta risposta fis-27 ta' Novembru, 2013 fejn ecepixxa:

1. It-talba tar-rikorrent hija infondata ghaliex l-allegata hsara ma gratx tort tal-intimat;
2. Bla pregudizzju ghall premess, l-ammont mitlub tad-danni huwa esagerat u l-istess l-ammont tal-ispejjez;
3. Bla pregudizzju ghall premess, l-intimat kellu jinghata l-fakulta li jaghmel huwa x-xoghol ta' riparazzjoni u fin-nuqqas ix-xoghol issir mir-rikorrent;
4. It-talba ghall-kundannit al-ispejjez hija michuda.

Xehed l-attur li spjega li l-konvenut joqghod dar ma dar mieghu u fejn l-attur ghandu l-kamra tat-tifla l-konvenut ghandu l-kamra tal-banju. L-attur beda jinnota l-hajt ta' bejnithom beda jittebba. Kellem lill-konvenut li qallu li ser jirranga kollox. L-attur ghalhekk bajjad il-kamra. Izda wara xahrejn it-tbajja regghu hargu u kien ghalxejn li l-attur baghat ittri legali lil konvenut ghax dan ma riedx ihallas.

Xehdet Sarah Borg bint l-attur li spjegat illi din hija t-tieni darba li harget tebgha fil-hajt tal-kamra taghha peress illi diga grat darba ohra u sewwa l-hsara missierha.

Xehed il-Perit Simon Saliba.

Xehdet il-mara tal-konvenut li bil-gurament taghha spjegat illi l-ewwel darba li l-attur kien infurmahom li kellu l-hsara huma ma kienux jafu biha u weghdu lil attur li kienu ser jirrangaw kif filfatt ghamlu. Izda spjegat ukoll li l-haddiem taghhom kien informa lil attur biex il-hajt ihallih ftit hekk, ma jmissux sakemm jinxef. Izda l-attur qabad u bajjad mill-ewwel biex hekk il-hajt kien ghadu ma nixifx u t-tbajja regghu hargu. Hi qallet illi l-istima ta' tliet mitt ewro (€300) li pprezenta l-attur hija esagerata u inoltre hija mahruga minn hu l-attur. Skond din ix-xhud l-istima tal-materja ma kelliex titla' aktar minn erbgha u sittin ewro u hamsin centezmu (€64.50) li taghhom gabet stima minghand Blue Star ipprezentata u mmarkata 'Dok SM1.'

It-Tribunal ihoss li huwa gust li l-attur jithallas biex jirranga l-hsara li gratlu, pero' l-ammont li qed jitlob huwa wiehed esagerat. It-Tribunal jaqbel mal-ammont ta' erbgha u sittin ewro u hamsin

centezmu (€64.50) tal-haddiema hamsa u tletin ewro (€35) spejez tal-Perit u hamsin ewro (€50) spejjez legali.

Ghalhekk it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa' it-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' mija disgha u disghin ewro u hamsin centezmu (€199.50) u jikkundanna lil konvenut ihallas din is-somma lil attur bl-imghax legali mad-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bil-kawza tibqa' minghajr taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------